MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2010

Numru. 917/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Anne Marie Micallef)**

**vs**

**Keith Darmanin ta' 31 sena, bin Carmelo u Mary Grace nee' Vella, mwieled Pieta' nhar is-26 ta' Awissu 1977, residenti 3, Triq il-Qalb ta' Gesu' Paola, detentur tal-karta ta'l-identita' numru 454277(M).**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Keith Darmanin li permezz taghha huwa gie akkuzat talli nhar

id-19 ta' Settembru 2008 ghal habta tal-hamsa ta' fil-ghodu (5:00hrs.) gewwa Triq D'Argens, Msida:

1. attakka, ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-Awtorita' kompetenti u cioe' fuq il-persuni ta' PS1268 Ivan Caruana u PC502 Anthony Mizzi.
2. aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dana is-servizz, jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u cioe' fuq il-persuna ta' PS1268 Ivan Caruana u PC502 Anthony Mizzi;
3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna griehi hfief fuq l-istess persuna ta' PS1268 Ivan Caruana u dana skond kif iccertifika Dr. S. Falzon M.D. ta'l-isptar Mater Dei;
4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' fuq nuccali tal-vista ghad-dannu ta' PS1268 Ivan Caruana hsara teccedi tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) pero hija inqas minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu;
5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi mghotija lilu minn PS1268 Ivan Caruana;
6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;
7. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghad illi kien xurban, qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indicenti.
8. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, qal kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha gewwa post pubbliku;
9. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kien jinsab f'sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu innifsu;

10. U aktar talli sar recidiv ai termini ta’l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u cioe’ mill-Magistrat Dr. A. Demicoli LL.D. diversament presjeduta u datata 3 ta’ Gunju 2008.

Rat id-dokumenti.

Semghet il-provi

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali tad-19 ta’ Settembru 2008 sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dana fis-seduta tat-23 ta’ Marzu 2009, liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra l-istess.

Rat il-*pre-sentencng report* imhejji mill-Ufficjal tal-Probation Marianne Zammit.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl tal-provi mismugha u fid-dawl ta’l-ammissjoni irregistrata mill-imputata ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta’l-istess, ghajr ghall-ahhar akkuza dwar ir-recidiva u dana peress illi kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Settembru 2008, is-sentenza li ghaliha issir referenza f’dina l-akkuza kienet ghada ma ghaddietx in gudikat peress illi kien hemm appell pendenti fuq l-istess. Kwindi dina l-istess sentenza ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni ai fini ta’ dina l-akkuza.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-amissjoni maghmula mill-imputat, il-fatt illi d-danni ikkagjonati lill-kuntistabbli

Caruana gew minnufih risarciti, izda fuq kollox ir-rapport li thejja mill-Probation Officer Marianne Zammit. Minn dana jirrizulta illi l-imputat ghandu storja twila fil-problema tad-droga. Ghalkemm jidher illi l-imputat bhal issa mhuwiex dipendenti fuq dawn is-sustanzi nocivi, madanakollu jidher illi ghandu wisq karattru dghajjef u jirrikorri lejn id-droga kull darba li jiffaccja xi tip ta’ problema f’hajjtu. Huwa bhal issa ma ghandux impieg fiss u dana bhala fatt jista’ ikun ta’ deterrent ghall-isforz li jidher li qieghed jaghmel sabiex ma jergax jaqa’ vittma tad-drogi. Di piu’ jihder illi huwa lanqas jattendi ghall-appuntamenti u sezzjonijiet ohra ma’ nies professjonali li jistghu jghinuh johrog minn dana l-vizzju u cioe’ social workers mal-Caritas u tobba fost ohrajn.[1] Dana kollu jwassal lil Qorti ghal konvinciment illi l-imputat ghadu ma jistax jigi fdat li jiehu hsieb hajtu wahdu u ghad ghandu bzonn l-ghajnuna sabiex ma jergax jikkometti reati ohra konnessi mal-vizzju tieghu. Madanakollu l-Qorti hija tal-fehma u dana anke fuq rakkomandazzjoni maghmula mill-Probation Officer Zammit illi l-imputat ma ghandux jerga jigi inkarcerat billi jidher illi bhal issa hajtu hija wahda stabbli u forsi bi ftit ghajnuna u inkorragament ikun jista’ jerga’ isib saqajh fis-socjeta’.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 95, 96, 221(1), 325(1)©, 338(dd), 338(ee), 338(bb), 338(ff) u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ahar akkuza migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati ta’l-akkuzi l-ohra kollha u tikkundannah ghal perijodu ta’seba’ xhur prigunerija, izda fid-dawl tal-konsiderazzjoni hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni ta’l-artikoli 28A u 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta’ Malta, dana il-perjodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien erba’ snin mil-lum. Il-Qorti qed tqieghed lil hati ta’ ordni ta’ supervizjoni taht is-sorveljanza ta’l-ufficjal tal-probation Marianne Zammit ghal zmien erba’ snin mil-lum bil-kundizzjoni illi l-imputat isewgi il-kura kollha li jinhtieg biex jeghleb il-vizzju tieghu tad-droga.

[1] Ara Dokument MZ1 a fol. 77

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza, jew jekk huwa jonqos milli josserva l-ordni imposta fuqu illum.

Il-Qorti tordna sabiex kopja tas-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------